IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.1.2013
COM(2012) 31 final

2013/0016 (COD)

*C7-0028/13*

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## dwar is-sikurezza ferrovjarja

## (Riformulazzjoni)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2013) 8 final}
{SWD(2013) 9 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. L-iżviluppi politiċi reċenti tal-UE fil-qasam ferrovjarju

Fil-White Paper tagħha ‘Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b’mod effiċjenti’, adottata fit-28 ta’ Marzu 2011, il-Kummissjoni ħabbret il-viżjoni tagħha li tistabbilixxi Żona Ferrovjarja Unika Ewropea u ċċarat li dan l-għan jimplika l-ħolqien tas-suq ferrovjarju intern Ewropew fejn l-impriżi ferrovjarji Ewropej jistgħu jipprovdu servizzi mingħajr ostakli tekniċi u amministrattivi mhux meħtieġa.

Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Jannar 2012 jenfasizzaw l-importanza li jinħareġ il-potenzjal li jista' jkollu Suq Uniku integrat b'mod sħiħ fil-ħolqien tat-tkabbir eknomiku, fost l-oħrajn fir-rigward tal-industriji tan-netwerk[1]. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Azzjoni għall-Istabbiltà, għat-Tkabbir u għall-Impjiegi adottata fit-30 ta' Mejju 2012[2] tisħaq ukoll dwar l-importanza li jitnaqqsu aktar il-piżijiet regolatorji u l-ostakli għad-dħul fis-settur ferrovjarju, u għalhekk tagħmel rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi skont din il-linja ta' ħsieb. Fl-istess spirtu, il-Kummissjoni adottat fis-6 ta' Ġunju 2012 il-Komunikazzjoni dwar it-tisħiħ tal-governanza tas-suq uniku, li bl-istess mod saħqet dwar l-importanza tas-settur tat-trasport[3].

F'dawn l-aħħar għaxar snin, l-UE esperjenzat bidliet kbar fis-suq ferrovjarju, gradwalment introdotti minn tliet ‘pakketti ferrovjarji’ leġiżlattivi (b'xi atti jakkumpanjawhom) bil-ħsieb li jinfetħu s-swieq nazzjonali u jagħmlu l-ferroviji aktar kompetittivi u interoperabbli fil-livell tal-UE, filwaqt li jinżamm livell għoli ta' sikurezza. Madankollu, minkejja l-iżvilupp konsiderevoli tal-‘acquis tal-UE’ li jistabbilixxi suq intern għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, is-sehem modali tal-ferroviji fit-trasport bejn il-pajjiżi tal-UE baqa' limitat. Għalhekk il-Kummissjoni ppjanat li tressaq ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju sabiex tittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi ferrovjarji billi jitneħħew l-ostakoli li għad fadal fis-suq. Din id-Direttiva hija komponent tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju u tiffoka fuq it-tneħħija tal-ostakli amministrattivi u tekniċi li fadal, partikolarment billi tistabbilixxi approċċ komuni għar-regoli tas-sikurezza u l-interoperabilità sabiex jiżdiedu l-ekonomiji tal-kobor għall-impriżi ferrovjarji attivi madwar l-UE, jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u jitħaffu l-proċeduri amministrattivi, kif ukoll tiġi evitata d-diskriminazzjoni mistura.

### 1.2. Il-qafas legali għas-sikurezza ferrovjarja

Sabiex jitmexxew l-isforzi biex jiġi stabbilit suq uniku għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, jeħtieġ li jiġi stabbilit qafas regolatorju komuni għas-sikurezza ferrovjarja. L-Istati Membri s'issa żviluppaw ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza tagħhom l-aktar fuq linji nazzjonali, ibbażati fuq kunċetti tekniċi u operazzjonali nazzjonali. Fl-istess ħin, id-differenzi fil-prinċipji, l-approċċ u l-kultura għamluha diffiċli biex ikunu megħluba d-diffikultajiet tekniċi u biex ikunu stabbiliti operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali.

1 http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/ec/127599.pdf.
2 COM(2012) 299 finali.
3 COM(2012) 259 finali.

Id-Direttiva 91/440/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 fuq l-għoti tal-liċenzji għall-impriżi tal-linji tal-ferrovija[4] u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà[5] jipprovdu l-ewwel passi lejn regolazzjoni tas-suq Ewropew tat-trasport bil-ferrovija billi fetħu s-suq għas-servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Madankollu, id-dispożizzjonijiet fuq is-sikurezza kienu insuffiċjenti u d-differenzi bejn ir-rekwiżiti tas-sikurezza effettwaw l-aħjar mod ta' funzjonar tat-trasport ferrovjarju fl-UE.

Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà[6], fissret titjib kbir lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju komuni għas-sikurezza ferrovjarja. Id-Direttiva stabbiliet qafas għall-armonizzazzjoni tal-kontenut tar-regoli ta' sikurezza, iċ-ċertifikazzjoni tas-sikurezza tal-impriżi ferrovjarji, il-kompiti u r-rwoli tal-awtoritajiet ta' sikurezza u l-investigazzjoni tal-aċċidenti, biex tiskoraġġixxi lill-Istati Membri milli jkomplu jiżviluppaw fuq linji nazzjonali r-regoli ta' sikurezza u l-istandards tagħhom skont kunċetti tekniċi u operattivi nazzjonali.

### 1.3. Għala trid tiġi emendata d-Direttiva 2004/49/KE?

L-Artikolu 10 (7) tad-Direttiva 2004/49/KE jippreskrivi li 'Qabel it-30 ta' April 2009 l-Aġenzija għandha tevalwa l-iżvilupp taċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà u tissottmetti rapport lill-Kummissjoni bir-rakkomandazzjonjiet fuq strateġija għat-tluq lejn ċertifikat wieħed tas-sigurtà għall-Komunità' li jissostitwixxi s-sistema kurrenti magħmula minn żewġ partijiet (Parti A/B). L-iżvilupp u l-implimentazzjoni taċ-ċertifikat ta' sikurezza tal-UE kienu dejjem għan għaż-żmien fit-tul. Qatt ma kienet kwistjoni ta' jekk, imma dejjem ta' meta kien se jiġi introdott dan iċ-ċertifikat.

Fir-rapport interim tagħha tal-2009, l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea, minn issa 'l quddiem "l-Aġenzija", spjegat li kien għadu kmieni wisq biex issir rakkomandazzjoni u li meħtieġa aktar informazzjoni sabiex jiġi żgurat dibattitu infurmat. L-Aġenzija ressqet rapport f'Lulju 2012 b'Rakkomandazzjoni li tipproponi strateġija għall-migrazzjoni[7].

Fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Aġenzija, il-Kummissjoni tqis li l-qafas regolatorju kurrenti huwa matur biżżejjed biex jimmigra progressivament lejn 'ċertifikat ta' sikurezza unika'. B'dan il-għan, ir-rwol tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sikurezza jeħtieġ jiġi rivedut u r-responsabbiltajiet jiġu riallokati bejnhom u l-Aġenzija.

Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Ferrovjarja hija wkoll opportunità biex jiġi adattat it-test sabiex titqies l-evoluzzjoni tas-suq ferrovjarju meta jkunu nħolqu parteċipanti jew entitajiet professjonali. Il-lezzjonijiet mill-inċidenti ferrovjarji gravi juri li dawn il-parteċipanti jistgħu jassumu responsabbiltajiet kbar f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza. Fl-imgħoddi, l-impriżi ferrovjarji vertikalment integrati setgħu jikkontrollaw internament il-kwalità tal-proċessi kollha, bħall-manutenzjoni tal-vetturi ferrovjarji jew l-operazzjonijiet tat-

4 ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70.
5 ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29.
6 ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.
7 Recommendation on the migration to a single EU safety certificate, ERA/REC/10/2011, 3.7.2012.

tagħbija. Ix-xejra preżenti tal-kuntrattar tal-attivitajiet jew tas-servizzi qed twassal għall-feġġ ta' parteċipanti ġodda soġġetti għal pressjoni ekonomika u finanzjarja dejjem akbar, filwaqt li qed jonqos il-kontroll intern. Dan jista' jkollu konsegwenzi għas-sikurezza, sakemm ma jiġix stabbilit mod ġdid ta' monitoraġġ permezz ta' arranġamenti kuntrattwali jew mod ieħor, sabiex jiġi żgurat li l-miżuri tal-kontroll tar-riskju jiġu implimentati mill-parteċipanti rilaventi kollha.

Raġuni importanti oħra għall-emendar tat-test tikkonċerna r-regoli nazzjonali li jindirizzaw kwistjonijiet ta' sikurezza. Twaqqfet Task Force dwar dan is-suġġett u s-sejbiet tagħha tqiesu f'din il-proposta.

Emendi oħrajn lit-test jikkonċernaw:

- Kjarifika ta' dispożizzjonijiet u definizzjonijiet eżistenti: maħsuba biex itejbu l-konsistenza ma' dispożizzjonijiet simili użati fid-Direttiva XX dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem 'id-Direttiva dwar l-Interoperabilità'
- Aġġornamenti minħabba l-evoluzzjoni tal-qafas leġiżlattiv: dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-regoli nazzjonali, kif ukoll referenzi għall-proċeduri ta' komitoloġija u atti ta' delega;
- Bidliet editorjali: il-konsolidazzjoni ta' emendi preċedenti fit-test tad-Direttiva, in-numerazzjoni mill-ġdid ta' artikoli u annessi, it-tneħħija ta' dispożizzjonijiet li għadda żmienhom u referenzi għall-komponenti oħrajn tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Id-DĠ MOVE wettaq valutazzjoni tal-impatt biex jappoġġa proposti leġiżlattivi għat-titjib fl-effiċjenza u l-kompetittività taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea fil-qasam tal-interoperabilità u s-sikurezza.

F'Ġunju 2011 inħoloq Grupp ta' Tmexxija dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt (IASG). Filwaqt li DĠ MOVE stieden lid-DĠ kollha sabiex jipparteċipaw, l-aktar DĠ ikkonċernati kienu ENTR, EMPL, SG, SJ, HR, RTD, BUDG, REGIO, ENER u ELARG

Is-servizzi tal-Kummissjoni għadhom qed jiddiskutu l-iżviluppi fiż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea mar-rappreżentanti tas-settur. Fl-2010-2011 wettqu wkoll valutazzjoni ex-post tar-Regolament 881/2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ferrovjarja Ewropea.

Tqabbad konsulent estern sabiex iħejji studju ta' appoġġ għall-valutazzjoni tal-impatt u sabiex iwettaq konsultazzjoni mmirata tal-partijiet interessati bħala appoġġ għall-Kummissjoni matul il-proċess tal-valutazzjoni tal-impatt.

Il-konsultazzjoni mmirata tal-partijiet interessati bdiet fit-18 ta' Novembru 2011 bi stħarriġ fuq l-internet li ntemm fit-30 ta' Diċembru 2011. Dan kien segwit minn intervisti mal-partijiet interessati l-aktar sinifikanti u minn laqgħa ta' ħidma tal-partijiet interessati fi tmiem Frar 2012.

Minħabba n-natura teknika tal-inizjattiva, ma saritx konsultazzjoni pubblika. Madankollu, il-Kummissjoni żgurat ruħha li l-partijiet interessati kollha ġew ikkonsultati fiż-żmien xieraq u li d-diskussjonijiet koprew l-elementi ewlenin kollha tal-inizjattiva.

Aktar informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt u r-riżultati tal-konsultazzjoni mal-partijiet intressati huma pprovduti fir-Rapport dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt[8].

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

Din it-taqsima tipprovdi kummenti u spjegazzjonijiet b'rabta mat-tibdil sinifikanti fit-test tad-Direttiva. M'hemm kummenti dwar bidliet editorjali u modifiki ovvji.

KAPITOLU I

Artikolu 1: l-ebda kumment.

Artikolu 2: adattament tal-kamp tal-applikazzjoni biex isir konsistenti mad-'Direttiva dwar l-Interoperabilità'.

Artikolu 3: definizzjonijiet ġodda u xi emendi biex titjieb il-konsistenza ma' definizzjonijiet simili użati fid-Direttiva l-ġdida dwar l-Interoperabilità.

KAPITOLU II

Artikolu 4: kjarifika dwar ir-rwol u r-responsabbiltajiet tal-parteċipanti fil-katina ferrovjarja sabiex jitqiesu l-evoluzzjoni reċenti tas-suq u tal-qafas legali.

Artikoli 5, 6 u 7: aġġornamenti minħabba l-evoluzzjoni tal-qafas legali.

Artikolu 8: adattament tad-dispożizzjonijiet marbuta mar-regoli nazzjonali biex jitqiesu l-evoluzzjoni tal-qafas legali (l-adozzjoni tat-TSI) u l-allinjament mad-Direttiva dwar l-Interoperabilità.

Artikolu 9: l-ebda kumment.

KAPITOLU III

Artikolu 10: introduzzjoni ta' sistema ta' ċertifikat uniku ta' sikurezza għall-impriżi ferrovjarji li jieħu post is-sistema preċedenti ta-ċertifikat ta' sikurezza u ż-żewġ partijiet tiegħu: 'Parti A' u 'Parti B'.

Artikolu 11: dak li kien l-Artikolu 11 adattat għall-proċess tal-mixja lejn ċertifikat uniku ta' sikurezza li jqis ir-rwol ġid tal-Aġenzija.

Artikolu 12: dak li kien l-Artikolu 11 mingħajr bidliet sostanzjali

Artikolu 13: l-ebda kumment.

Artikoli 14 u 15: numerar mill-ġdid ta' dak li kien l-Artikolu 14a aġġornat.

Dak li kien l-Artikolu 15: m'għadux jgħodd.

KAPITOLU IV

Artikolu 16 sa 18: emendi li jqisu r-rwol ġdid tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza fil-proċess tal-mixja lejn ċertifikat uniku ta' sikurezza u r-riallokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejnhom u l-Aġenzija.

KAPITOLU V

Artikolu 19: l-ebda kumment.

[8] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument 'Legislative proposals to eliminate remaining administrative and technical barriers in the field of interoperability and safety on the EU railway market'

Artikolu 20: kjarifika li tenfasizza l-kooperazzjoni bejn il-korp nazzjonali tal-investigazzjoni u l-awtoritajiet ġudizzjarji fil-każ ta' investigazzjoni wara inċident.

Artikolu 21 sa 25: l-ebda kumment.

KAPITOLU VI

Artikolu 26: dispożizzjoni ġdida dwar atti ta' delega li tqis id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 27: modifika tal-proċedura ta' Kumitat li tqies id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 28: dak li kien l-Artikolu 31 aġġornat

Artikolu 29: dak li kien l-Artikolu 32 mingħajr kummenti.

Dak li kien l-Artikolu 26: m'għadux jgħodd.

Dawk li kienu l-artikoli 29 u 30 tad-Direttiva 2004/49/KE jikkonċernaw emendi lid-Direttivi 95/18/KE u 2001/14/KE rispettivament. Dawn mhux se jibqgħu jgħoddu meta tidħol fis-seħħ ir-Riformulazzjoni tal-Ewwel Pakkett Ferrovjarju li tħassar dawn iż-żewġ Direttivi.

Artikolu 30: disposizzjonijiet tranżitorji.

Artikolu 31: artikolu ġdid li jikkonċerna r-rwol tal-opinjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Aġenzija.

Artikolu 32: dak li kien l-artikolu 33 bi kjarifiki fir-rigward tat-trapożizzjoni.

Artikolu 33: tħassir tad-Direttiva 2004/49/KE, irriformulata.

Artikolu 34: dak li kien l-artikolu 34 dwar id-dħul fis-seħħ, adattat.

Artikolu 35: dak li kien l-artikolu 35 dwar id-destinatarji, adattat.

ANNESS I: dak li kien l-ANNESS I b'xi adattatment.

Dak li kien l-ANNESS II: m'għadux jgħodd, wara l-adattament tar-regoli nazzjonali.

Dak li kien l-ANNESS III: m'għadux jgħodd, wara l-introduzzjoni ta' att ta' implimentazzjoni.

Dak li kien l-ANNESS IV: m'għadux jgħodd, wara l-introduzzjoni tas-sistema ta' ċertifikat ta' sigurtà unika tal-UE.

Dak li kien l-ANNESS V: m'għadux jgħodd, wara l-introduzzjoni ta' att ta' implimentazzjoni.

ANNESS II ġdid: tabella ta' korrelazzjoni.

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 (adattat)

2013/0016 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar is-sikurezza ferrovjarja**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL ~~TA' L-~~TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ~~li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea~~, u b'mod partikolari l-Artikolu ~~71~~ ⌦ 91 ⌫ (1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea[1],

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[2],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[3],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

---

| ↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 1 (adattat) |
|---|

~~Biex ikunu segwiti l-isforzi biex ikun stabbilit suq wieħed għas-servizzi tat-trasport bil-ferrovija, mibdi mid-Direttiva 91/440/KEE tad-29 ta' Lulju 1991 fuq l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità[4], huwa neċessarju li jkun stabbilit qafas regolatorju komuni għas-sigurtà tal-linji tal-ferrovija. L-Istati Membri s'issa żviluppaw ir-regoli u l-istandards tas-sikurezza tagħhom l-aktar fuq linji nazzjonali, ibbażati fuq kunċetti tekniċi u operazzjonali nazzjonali. Fl-istess ħin, id-differenzi fil-prinċipji, l-approċċ u l-kultura għamluha diffiċli biex ikunu megħluba d-diffikultajiet tekniċi u biex ikunu stabbiliti operazzjonijiet tat-trasport internazzjonali.~~

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(1) Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 20004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzji tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà[5] ġiet sostanzjalment emendata. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza.

---

| ↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 2 (adattat) |
|---|

~~Id-Direttiva 91/440/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE tad-19 ta' Ġunju 1995 fuq l-għoti tal-liċenzi għall-impriżi tal-linji tal-ferrovija[6] u d-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament~~

---

1 ĠU C, p..

2 ĠU C, p..

3 ĠU C, p..

4 ~~ĠU L 237, 24.8.1991, p. 25. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 1).~~

5 ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

6 ~~ĠU L 143, 27.6.1995, p. 70. Id-Direttiva kif emendata bid-Direttiva 2001/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, tal-15.3.2001, p. 26).~~

Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2001 fuq l-allokazzjoni tal-kapaċità ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu ta' l-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà[7] jipprovdu l-ewwel passi lejn regolazzjoni tas-suq Ewropew tat-trasport bil-ferrovija billi fetħu s-suq għas-servizzi internazzjonali tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija. Madanakollu, id-dispożizzjonijiet fuq is-sigurtà kienu insuffiċjenti u d-differenzi bejn il-ħtiġiet tas-sigurtà baqgħu hemm, li jaffettwaw l-aħjar mod ta' funzjonar tat-trasport bil-ferrovija fil-Komunità. Huwa ta' importanza partikolari li jkunu armonizzati l-kontenut tar-regoli tas-sigurtà, iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija, il-kompiti u r-rwoli ta' l-awtoritajiet tas-sigurtà u l-investigazzjoni ta' l-inċidenti.

---

⇩ġdid

(2) Id-Direttiva 2004/49 stabbilixxiet qafas regolatorju komuni għas-sigurtà ferrovjarja, bis-saħħa tal-armonizzazzjoni tar-regoli tas-sigurtà, iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà tal-impriżi ferrovjarji, il-kompiti u r-rwoli tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà u l-investigazzjoni tal-inċidenti. Madankollu, sabiex ikomplu l-isforzi biex jiġi stabbilit suq uniku għas-servizzi tat-trasport ferrovjarju, id-Direttiva teħtieġ reviżjoni fil-fond.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 3 (adattat)

Il-metro, il-linji tat-tramm u s-sistemi l-oħra l-ħfief tal-ferrovija huma f'ħafna Stati Membri soġġetti għar-regoli tas-sigurtà lokali jew reġjonali u huma f'ħafna każijiet sorveljati mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali u mhux koperti mill-ħtiġiet fuq it-tħaddim u l-liċenzar tal-Komunità. Il-linji tat-tramm huma aktar minn hekk ta' spiss soġġetti għal-leġislazzjoni tas-sigurtà tat-toroq u għalhekk ma setgħux ikunu koperti b'mod sħiħ mir-regoli tas-sigurtà ferrovjarja. Għar-raġunijiet u skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabblita fl-Artikolu 5 tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom jitħallew jeskludu dawn is-sistemi lokali tal-linji tal-ferrovija mill-iskop ta' din id-Direttiva.

---

⇩ new

(3) Il-metro, il-linji tat-tramm u s-sistemi oħra tal-ferrovija ħafifa huma f'ħafna Stati Membri soġġetti għar-regoli tas-sikurezza lokali jew reġjonali u huma f'ħafna każijiet sorveljati mill-awtoritajiet lokali jew reġjonali u koperti mir-rekwiżiti tal-interoperabilità u l-liċenzjar tal-Unjoni. Il-linji tat-tramm huma aktar minn hekk ta' spiss soġġetti għal-leġislazzjoni tas-sikurezza fuq it-triq u għalhekk ma setgħux ikunu koperti b'mod sħiħ mir-regoli tas-sikurezza ferrovjarja. Għal dawn ir-raġunijiet, dawn it-tipi ta' sistemi ferrovjarji lokali għandhom jiġi esklużi mill-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan ma jżommx lill-Istati Membri milli japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għas-sistemi ferrovjarji lokali fuq bażi volontarja jekk iqisu dan xieraq.

---

7 ĠU L 75, 15.3.2001, p. 29. Id-Direttiva kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/844/KE (ĠU L 289, tas-26.10.2002, p. 30).

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 4 (adattat)

~~Il-livelli tas-sigurtà fis-sistema tal-linji tal-ferrovija fil-Komunità huma ġeneralment għolja, partikolarment meta' kkumparati mat-trasport tat-triq. Huwa importanti li s-sigurtà hija minn ta' l-anqas miżmuma matul il-fażi kurrenti ta' ristrutturazzjoni, li ser tissepara l-funzjonijiet tal-kumpaniji tal-linji tal-ferrovija li qabel kienu integrati u tmexxi s-settur tal-ferrovija lil hinn milli jirregola lilu nnifsu lejn ir-regolazzjoni pubblika. Skond il-progress tekniku u xjentifiku, is-sigurtà għandha tittejjeb aktar, meta' jkun prattikabbli b'mod raġjonevoli u meta' tittieħed in konsiderazzjoni il-kompetittività fit-trasport bil-ferrovija.~~

⇩ġdid

(4) Il-livelli tas-sikurezza fis-sistema ferrovjarja tal-Unjoni ġeneralment huma għoljin, partikolarment meta mqabbla mat-trasport bit-triq. Skont il-progress tekniku u xjentifiku, is-sikurezza għandha tittejjeb aktar, meta jkun prattikabbli b'mod raġjonevoli u meta jitqies it-titjib mistenni fil-kompetittività fit-trasport ferrovjarju.

🡻Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 4 (adattat)

(5) ~~Dawk kollha li joperaw~~ L-atturi ewlenin fis-sistema tal-ferrovija, ~~il-managers~~ ⌦ l-amministraturi ⌫ tal-infrastruttura u l-impriżi ~~tal-linji tal-ferrovija~~ ferrovjarji , għandhom jieħdu fuqhom ~~ir-~~responsabbiltà sħiħa għas-~~sigurtà~~ ⌦ sikurezza ⌫ tas-sistema, kull wieħed minnhom għall-parti tiegħu. Kull meta~~' dan ikun~~ xieraq, dawn għandhom jikkooperaw biex jimplimentaw il-miżuri tal-kontroll tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jagħmlu distinzjoni ċara bejn din ir-responsabbilità immedjata għas-~~sigurtà~~ ⌦ sikurezza ⌫ u ~~d-dmir~~ ⌦ l-kompitu ⌫ tal-awtoritajiet ⌦ nazzjonali ⌫ tas-sigurtà li jipprovdu qafas regolatorju nazzjonali u li jissorveljaw ~~l-andament~~ ⌦ il-prestazzjoni ⌫ tal-operaturi kollha.

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 6 (adattat)

~~Ir-responsabbiltà tal-managers ta' l-infrastruttura u l-impriżi tal-linji tal-ferrovija biex imexxu s-sistema tal-linja tal-ferrovija ma teskludix atturi oħra bħal dawk li jimmanifatturaw, dawk li jipprovdu s-servizzi ta' manteniment, dawk li jżommu il-vaguni, dawk li jipprovdu s-servizzi u l-entitajiet li jakkwistaw milli jieħdu r-responsabbiltà għall-prodotti jew is-servizzi tagħhom skond id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq it-tħaddim tas-sistema tal-ferrovija tal-veloċità qawwija trans-Ewropea[8] u tad-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq it-tħaddim tas-sistema konvenzjonali tal-ferrovija trans-Ewropea[9] jew tal-leġislazzjoni relevant oħra tal-Komunità.~~

8 ~~ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.~~
9 ~~ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.~~

⇩ġdid

(6) Ir-responsabbiltà tal-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji għall-operat tas-sistema ferrovjarja ma jipprekludix atturi bħall-manifatturi, impriżi tal-ġarr, tal-konsenja, tal-mili u tat-tagħbija, entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni, fornituri tal-manutenzjoni, vaguniera, fornituri ta' servizzi u entitajiet tal-akkwist, milli jassumu r-responsabbiltà għall-prodotti jew is-servizzi tagħhom. Sabiex jiġi evitat ir-riskju li r-responsabbilitajiet ma jittiħdux b'mod xieraq, kull attur rilevanti għandu jkun responsabbli għall-proċess partikolari tiegħu. Kull attur fit-trasport ferrovjarju għandu jkun responsabbli fil-konfront tal-atturi l-oħra għall-komunikazzjoni kompluta u veritiera tal-informazzjoni kollha rilevanti biex jaraw jekk il-vetturi humiex f'kundizzjoni li jaħdmu. B'mod partikolari, dan jikkonċerna l-informazzjoni dwar il-qagħda u l-istorja tal-vetturi, fajls ta' manutenzjoni, traċċabbiltà tal-operazzjonijiet tat-tagħbija, u noti tal-kunsinna.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 7 (adattat)

~~Il-ħtiġiet tas-sigurtà fuq is-sottosistemi tan-networks tal-ferroviji trans-Ewropej huma stabbiliti fid-Direttiva 96/48/KE u d-Direttiva 2001/16/KE. Madanakollu, dawk id-Direttivi ma jfissrux il-ħtiġiet komuni fuq il-livell tas-sistema u ma jkoprux fid-dettal ir-regolament, l-immaniġġar u s-superviżjoni tas-sigurtà. Meta' l-livelli minimi tas-sigurtà tas-sottosistemi jiġu mfissra bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-tħaddim (TSIs) ser ikun aktar importanti li jkunu stabbiliti miri tas-sigurtà fuq il-livell tas-sistema wkoll.~~

---

⇩ġdid

(7) Kull impriża ferrovjarja, amministratur tal-infrastruttura u entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni għandhom jiżguraw li l-kuntratturi tagħhom u partijiet oħra jimplimentaw miżuri ta' kontroll tar-riskju. Għal dan il-għan, għandhom japplikaw il-metodi għall-proċess ta' monitoraġġ stabbilit fil-metodi komuni tas-sikurezza (CSMs). Il-kuntratturi tagħhom għandhom japplikaw il-proċess permezz ta' arranġamenti kuntrattwali. Billi arranġamenti bħal dawn huma parti essenzjali mis-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza tal-impriżi ferrovjarji u tal-amministraturi tal-infrastruttura, l-impriżi ferrovjarji u tal-amministraturi tal-infrastruttura għandhom jiżvelaw l-arranġamenti kuntrattwali tagħhom fuq talba mill-Aġenzija Ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem "l-Aġenzija") jew tal-awtorità nazzjonali tas-sikurezza fil-kuntest tal-attivitajiet ta' superviżjoni.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 8 (adattat)

~~Il-miri komuni tas-sigurtà (CSTs) u l-metodi komuni tas-sigurtà (CSMs) għandhom ikunu introdotti bil-mod biex jiżguraw li l-livell għoli ta' sigurtà huwa miżmum u, meta' u fejn neċessarju u prattikabbli b'mod raġjonevoli, imtejjeb. Huma għandhom jipprovdu l-għodda għall-istimar tal-livelli tas-sigurtà u l-ħidma ta' l-operaturi fuq il-livell tal-Komunità kif ukoll fl-Istati Membri.~~

⇩ġdid

(8) Il-miri komuni tas-sikurezza (CSTs) u s-CSMs għandhom ikunu introdotti gradwalment biex jiżguraw li jinżamm livell għoli ta' sikurezza u, fejn meħtieġ u raġonevolment prattikabbli b'mod raġjonevoli, imtejjeb. Għandhom jipprovdu l-għodda għall-valutazzjoni tal-livell ta' sikurezza u l-prestazzjoni tal-operaturi fil-livell tal-Unjoni kif ukoll fl-Istati Membri. Indikaturi komuni tas-sikurezza (CSIs) ġew stabbiliti sabiex jiġi vvalutat jekk is-sistemi jikkomformawx mas-CSTs u sabiex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza ferrovjarja.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 9 (adattat)

~~L-informazzjoni fuq is-sistema tal-linji tal-ferrovija hija skarsa u mhux ġeneralment disponibbli għall-pubbliku. Huwa għalhekk neċessarju li jkunu stabbiliti indikaturi komuni tas-sigurtà (CSIs) biex ikun stmat li s-sistema tħares is-CSTs u biex jiffaċilitaw is-sorveljanza ta' l-andament tas-sigurtà tal-linji tal-ferrovija. Madanakollu, it-tifsiriet nazzjonali dwar is-CSIs jistgħu japplikaw waqt perjodu transizzjonali u għalhekk għandu jittieħed kont tal-limitu ta' l-iżvilupp tat-tifsiriet komuni tas-CSIs meta' l-ewwel sett tas-CSTs ikun abbozzat.~~

---

⇩ġdid

(9) Ir-regoli nazzjonali tas-sikurezza, li huma ġeneralment ibbażati fuq l-istandards tekniċi nazzjonali, għandhom ikunu sostiwiti gradwalment mir-regoli bbażati CSTs, CSMs u speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità (TSIs). Sabiex jiġu eliminati l-ostakli għall-interoperabilità, l-ammont ta' regoli nazzjonali għandu jitnaqqas b'mod progressiv bħala konsegwenza tal-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tat-TSIs għas-sistema ferrovjarja kollha tal-Unjoni Ewropea u tal-għeluq tal-punti miftuħa fit-TSIs. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom iżommu s-sistema tagħhom tar-regoli nazzjonali aġġornati, iħassru r-regoli li m'għadhomx jgħoddu u jgħarrfu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija bihom.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 10 (adattat)

~~Ir-regoli nazzjonali tas-sigurtà, li huma ġeneralment ibbażati fuq l-istandards tekniċi nazzjonali, għandhom ikunu mibdula bil-mod mir-regoli ibbażati fuq l-istandards komuni, stabbiliti mit-TSIs. L-introduzzjoni tar-regoli speċifiċi nazzjonali li m'humiex ibbażati fuq dawn l-istandards komuni għandhom jinżammu għall-minimu. Ir-regoli ġodda nazzjonali għandhom jinżammu konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità u li jiffaċilitaw it-tluq lejn approċċ komuni tas-sigurtà tal-ferroviji. Dawk il-partijiet kollha interessati għandhom għalhekk ikunu konsultati qabel ma Stat Membru jadotta r-regoli tas-sigurtà nazzjonali li jeħtieġu livell tas-sigurtà aktar għoli mis-CSTs. F'dawn il-każijiet ir-regola ġdida abbozzata għandha tkun soġġetta għall-eżaminazzjoni mill-Kummissjoni, li għandha tadotta Deċiżjoni jekk din ikun jidhrilha li r-regola abbozzata m'hijiex konformi mal-leġislazzjoni tal-Komunità jew tikkostitwixxi mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq fuq it-tħaddim kollu tal-linji tal-ferrovija bejn l-Istati Membri.~~

⇩ġdid

(10) Fid-dawl tal-approċċ gradwali sabiex jiġu eliminati l-ostakli għall-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja u tal-ħin konsegwentment meħtieġ għall-adozzjoni tat-TSIs, għandhom jittieħdu passi biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn Stati Membri jadottaw regoli nazzjonali ġodda jew jidħlu għal proġetti biex tiżdied id-diversità tas-sistema preżenti. Is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza hija l-għodda rikkonuxuta għall-prevenzjoni tal-inċidenti u l-impriżi ferrovjarji huma responsabbli milli jieħu azzjoni korrettiva immedjata biex jipprevjenu li jerġgħu jseħħu l-inċidenti. L-Istati Membri m'għandhomx inaqqsu r-responsabbiltà tal-impriżi ferrovjarji billi jistabbilixxu regoli ġodda nazzjonali ġodda eżatt wara inċident.

---

⬇ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 11 (adattat)

~~Is-sitwazzjoni kurrenti, li fiha r-regoli nazzjonali tas-sigurtà jkomplu bir-rwol tagħhom, għandha tkun trattata bħala stadju transizzjonali, li jwassal b'mod aħħari għal sitwazzjoni li fiha r-regoli Ewropej japplikaw.~~

---

⇩ġdid

(11) Fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbilitajiet tagħhom, l-amministraturi tal-infrastruttura u l-impriżi ferrovjarji għandhom jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza, li taqdi r-rekwiżiti tal-Komunità u li jkun fiha elementi komuni. L-informazzjoni fuq is-sikurezza u l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza għandha titressaq lill-Aġenzija u lill-awtorità tas-sikurezza fl-Istat Membru kkonċernat.

---

⬇ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 12 (adattat)

~~L-iżvilupp tas-CSTs, CSMs u CSIs kif ukoll il-ħtieġa biex ikun faċilitat il-progress lejn approċċ komuni għas-sigurtà tal-linji tal-ferrovija jeħtieġ l-għajnuna teknika fuq il-livell tal-Komunità. L-Aġenzija Ewropea tal-Linji tal-Ferrovija stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] hija stabbilita biex toħroġ rakkomandazzjonijiet dwar is-CSTs, CSMs u CSIs u miżuri oħra ta' l-armonizzazzjoni u biex tissorvelja l-iżvilupp tas-sigurtà tal-linji tal-ferrovija fil-Komunità.~~

---

⇩ġdid

(12) Biex ikun żgurat livell għoli ta' sikurezza ferrovjarja u kundizzjonijiet ugwali għall-impriżi ferrovjarji kollha, huma għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti ta' sikurezza. Impriża ferrovjarja liċenzjata għandha żżomm ċertifikat tas-sikurezza biex b'hekk tingħata aċċess għall-infrastruttura ferrovjarja. Iċ-ċertifikat tas-sikurezza għandu jagħti xhieda li l-impriża ferrovjarja stabbilixxiet is-sistema tagħha tal-ġestjoni tas-sikurezza u li hija kapaċi tħares l-istandards u r-regoli rilevanti tas-sikurezza.

10 ~~ĠU L 164, ta' l-30.4.2004, p. 44.~~

Għas-servizzi tat-trasport internazzjonali, għandu jkun biżżejjed li tiġi approvata s-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza darba biss fuq livell tal-Unjoni.

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 13 (adattat)

~~Fil-qadi tad-dmirijiet u tar-responsabbilitajiet tagħhom, il-managers ta' l-infrastruttura u l-impriżi tal-linji tal-ferrovija għandhom jimplimentaw sistema ta' maniġġjar tas-sigurtà, li taqdi l-ħtiġiet tal-Komunità u li fiha elementi komuni. L-informazzjoni fuq is-sigurtà u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' l-immaniġġjar għandha tkun sottomessa lill-awtorità tas-sigurtà fl-Istat Membru konċernat.~~

---

⇩ġdid

(13) Metodi armonizzati bbażati fuq id-Direttiva 2004/49/KE ġew stabbiliti biex jiġu applikati lill-impriżi ferrovjarji u l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza dwar il-monitoraġġ, il-valutazzjoni tal-konformità, is-superviżjoni u dwar l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskju. Il-qafas regolatorju huwa matur biżżejjed biex jimxi progressivament lejn 'ċertifikat uniku ta' sikurezza', validu mal-Unjoni kollha. Il-mixja lejn ċertifikat uniku ta' sikurezza għandu jagħmel is-sistema ferrovjarja aktar effettiva u effiċjenti billi jnaqqas il-piżijiet amministrattivi għall-impriżi ferrovjarji.

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 14 (adattat)

~~Is-sistemi ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà għandhom jieħdu in konsiderazzjoni l-fatt li d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KE tat-12 ta' Ġunju 1989 fuq l-introduzzjoni tal-miżuri biex ikunu mħeġġa l-iżviluppi fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol u d-direttivi individwali relevanti tagħha huma applikabbli b'mod sħiħ għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jaħdmu fit-trasport bil-ferrovija. Is-sistema ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà għandha wkoll tieħu in konsiderazzjoni d-Direttiva tal-Kunsill 96/49/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trasport ta' l-oġġetti perikolużi bil-ferrovija.~~

---

⇩ġdid

(14) Iċ-ċertifikat uniku ta' sikurezza għandu jinħareġ abbażi tal-evidenza li l-impriża ferrovjarja stabbiliet is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza. L-istabbiliment ta' din l-evidenza jista' jeħtieġ mhux biss spezzjonijiet fuq is-sit tal-impriża ferrovjarja imma wkoll is-superviżjoni biex jiġi vvalutat li l-impriża ferrovjarja tkompli tapplika kif dovut is-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat uniku tas-sikurezza.

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 15 (adattat)

~~Biex ikun żgurat livell għoli ta' sigurtà fil-linji tal-ferroviji u kondizzjonijiet ugwali għall-impriżi kollha tal-linji tal-ferrovija, huma għandhom ikunu soġġetti għall-istess ħtiġiet tas-sigurtà. Iċ-ċertifikat tas-sigurtà għandu jagħti xhieda li l-impriża tal-linji tal-ferrovija stabbilixxit is-sistema tagħha ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà u hija kapaċi li tħares l-istandards u~~

~~r-regoli relevanti tas-sigurtà. Għas-servizzi tat-trasport internazzjonali għandu jkun biżżejjed illi tapprova s-sistema ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà fi Stat Membru wieħed u li tagħti l-approvazzjoni l-validità tal-Komunità. Il-ħarsien tar-regoli nazzjonali mill-banda l-oħra għandhu jkun soġġett għaċ-ċertifikazzjoni addizzjonali f'kull Stat Membru. L-għan aħħari għandu jkun li jkun stabbilit ċertifikat tas-sigurtà komuni bil-validità tal-Komunità.~~

---

⇩ġdid

(15) Kull amministratur tal-infrastruttura għandu r-responsabbilità kruċjali għad-disinn, il-manutenzjoni u l-operazzjoni siguri tan-netwerk ferrovjarju tiegħu. L-amministratur tal-infrastruttura għandu jkun suġġett għal awtorizzazzjoni tas-sikurezza mill-awtorità nazzjonali tas-sikurezza fir-rigward tas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza u dispożizzjonijiet oħra biex jilħaq ir-rekwiżiti tas-sikurezza.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 16 (adattat)

~~Flimkien mal-ħtiġiet tas-sigurtà stabbiliti fiċ-ċertifikat tas-sigurtà, l-impriżi liċenzat tal-linji tal-ferrovija għandhom iħarsu l-ħtiġiet nazzjonali, kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u applikati b'mod li mhux diskriminatorju, dwar is-saħħa, is-sigurtà u l-kondizzjonijiet soċjali, inklużi d-dispożizzjonijiet legali dwar il-ħin tas-sewqan, u d-drittijiet tal-ħaddiema u l-konsumaturi kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 12 tad-Direttiva 95/18/KE.~~

---

⇩ġdid

(16) Iċ-ċertifikazzjoni tal-persunal ferrovjarju hija spiss ostaklu insormontabbli għal min jidħol ġdid fis-suq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-persunal ferrovjarju neċessarji biex ikopru r-rekwiżiti fir-regoli nazzjonali huma disponibbli għall-impriżi ferrovjarji li biħsiebhom joperaw fuq in-netwerk rilevanti.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 17 (adattat)

~~Kull manager ta' l-infrastruttura għandu r-responsabbilità importanti għall-ippjantar, manteniment u operazzjoni sigura tan-network tal-ferrovija tiegħu. B'mod parallel maċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija il-manager ta' l-infrastruttura għandhu jkun soġġett għall-awtorizzazzjoni tas-sigurtà mill-awtorità tas-sigurtà dwar is-sistema tiegħu ta' l-immaniġġjar tas-sigurtà u d-dispożizzjonijiet l-oħra biex jattwaw il-ħtiġiet tas-sigurtà.~~

---

⇩ġdid

(17) L-entità inkarigata mill-manutenzjoni għandha tiġi ċċertfikata għall-vaguni tal-merkanzija. Meta l-entità responsabbli mill-manutenzjoni tkun amministratur tal-infrastruttura, din iċ-ċertifikazzjoni għandha tkun inkluża fil-proċedura għaċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà. Iċ-ċertifikat mogħti lil entità bħal din għandu jiggarantixxi li r-rekwiżiti tal-manutenzjoni ta' din id-Direttiva jkunu sodisfati għal kwalunkwe vagun tal-merkanzija li għalih tkun responsabbli. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun validu fl-Unjoni kollha u għandu jingħata minn korp li jkun fil-qagħda li jivverifika s-sistema

ta’ manutenzjoni stabbilita minn din l-entità. Billi l-vaguni tal-merkanzija huma spiss użati fit-traffiku internazzjonali u billi l-entità responsabbli mill-manutenzjoni jista' jkun li tkun trid tuża lantijiet tax-xogħol stabbiliti f'aktar minn Stat Membru wieħed, il-korp taċ-ċertifikazzjoni għandu jkun kapaċi jwettaq il-kontrolli tiegħu fl-Unjoni kollha.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 18 (adattat)

~~L-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz biex jassistu lill-applikanti li jixtiequ jidħlu fis-suq bħala impriżi tal-linji tal-ferrovija. Partikolarment dawn għandhom jipprovdu informazzjoni u jaġixxu b'mod mgħaġġel fuq il-talbiet taċ-ċertifikat tas-sigurtà. Għal dawk l-impriżi tal-linji tal-ferrovija li joperaw servizzi internazzjonali tat-trasport, huwa importanti li l-proċeduri ikunu simili fi Stati Membri differenti. Għalkemm iċ-ċertifikat tas-sigurtà għandu jkun fih il-partijiet nazzjonali għall-futur qarib, għandu madanakollu jkun possibbli illi jkunu armonizzati l-partijiet komuni tiegħu u li tkun faċilitata l-kreazzjoni tal-format komuni.~~

---

⇩ġdid

(18) L-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza għandhom ikunu għalkollox indipendenti fl-organizzazzjoni, l-istruttura legali u t-teħid tad-deċiżjonijiet minn kwalunkwe impriża ferrovjarja, amministratur tal-infrastruttura, applikant u entità tal-akkwist. Għandhom iwettqu l-kompiti b'mod miftuħ u mhux diskriminatorju u jikkooperaw mal-Aġenzija biex joħolqu żona ferrovjarja unika u jikkoordinaw il-kriterji tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Sabiex tiżdied l-effiċjenza, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jiddeċiedu li jgħaqqdu l-persunal u r-riżorsi tal-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza rispettivi.

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 19 (adattat)

~~Iċ-ċertifikazzjoni tal-ħaddiema tal-ferrovija u l-awtorizzazzjoni biex jitpoġġew fis-servizz il-materjali mobbli għall-użu għan-networks nazzjonali differenti huma ħafna drabi diffikultajiet li ma jistgħux jiġu megħluba għal dawk il-ġodda. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-faċilitajiet għat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-ħaddiema tal-ferrovija neċessarji biex ikopru l-ħtiġiet fir-regoli nazzjonali huma disponibbli għall-impriżi tal-linji tal-ferrovija li japplikaw għal ċertifikat tas-sigurtà. Proċedura komuni għandha tkun stabbilita għall-awtorizzazzjoni biex jitpoġġew fis-servizz il-materjali mobbli għall-użu.~~

---

⇩ġdid

(19) Meta awtorità nazzjonali tas-sikurezza tintalab biex tagħmel superviżjoni ta' impriża ferrovjarja stabbilita fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra rilevanti tas-sikurezza għandhom jiġu infurmati mill-Aġenzija u tal-aħħar għandha tiżgura l-koordinazzjoni meħtieġa tal-attivitajiet ta' superviżjoni.

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 20 (adattat)

~~Il-ħinijiet tas-sewqan u l-ħinijiet tal-mistrieħ għas-sewwieqa tal-ferroviji u l-ħaddiema tal-ferroviji li jagħmlu xogħol ta' sigurtà għandhom impatt importanti fuq il-livell tas-sigurtà tas-sistema tal-linji tal-ferrovija. Dawn l-aspetti jaqgħu taħt l-Artikoli 137 sa 139 tat-Trattat u huma diġà soġġetti għan-negozjati bejn is-sieħba soċjali taħt il-Kumitat Settorjali tad-Djalogu stabbilit skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE.[11].~~

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 21 (adattat)

~~L-iżvilupp tas-sistema tal-ferrovija tal-Komunità sigura teħtieġ l-iżvilupp ta' l-istabbiliment tal-kondizzjonijiet armonizzati biex ikunu mogħtija l-liċenzi adattati lis-sewwieqa tal-ferroviji u lill-ħaddiema li jakkumpanjaw il-ferrovija li jagħmlu xogħol ta' sigurtà, li għalih il-Kummissjoni wriet l-intenzjoni tagħha li tipproponi leġislazzjoni oħra fil-futur qarib. Fir-rigward tal-ħaddiema l-oħra li wkoll jagħmlu xogħol ta' sigurtà kritiku, il-kwalifiki tagħhom diġà qegħdin ikunu speċifikati taħt id-Direttivi 96/48/KE u 2001/16/KE.~~

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 22 (adattat)

~~Bħala parti mill-qafas regolatorju l-ġdid għas-sigurtà tal-linji tal-ferrovija, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom ikunu stabbiliti fl-Istati Membri kollha biex jirregolaw u jissorveljaw is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija. Biex tkun faċilitata l-koperazzjoni bejniethom fuq il-livell tal-Komunità huma għandhom jingħataw l-istess dmirijiet u responsabilitajiet minimi. L-awtoritajiet nazzjonali tas-sigurtà għandhom ikunu mogħtija livell għoli ta' indipendenza. Huma għandhom jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'mod miftuħ u bla diskriminazzjoni biex jgħinu biex tkun magħmula sistema ta' linji tal-ferrovija waħda tal-Komunità u biex jikkoordinaw il-kriterji tat-teħid tad-deċiżjonijiet, partikolarment dwar iċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà ta' l-impriżi tal-linji tal-ferrovija li joperaw servizzi ta' trasport internazzjonali.~~

---

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 23 (adattat)

(~~23~~20) Inċidenti serji fuq il-linji tal-ferrovija huma rari. Madan~~a~~kollu, jista' jkollhom konsegwenzi disastrużi u li jqaj~~j~~mu tħassib fost il-pubbliku dwar ~~l-andament tas-sigurtà~~ il ⌦ il-prestazzjoni tas-sikurezza ⌫ tas-sistema ~~tal-ferrovija~~ ferrovjarja. Dawn l-inċidenti kollha għandhom, għalhekk, ikunu investigati minn perspettiva ta' ~~sigurtà~~ ⌦ sikurezza ⌫ biex tkun evitata r-rikorrenza u r-riżultati ~~ta' l~~tal-investigazzjonijiet għandhom ikunu magħmula pubbliċi. Inċidenti oħra ⌦ għandhom wkoll ikunu soġġeti għal investigazzjonijiet tas-sikurezza ⌫ meta jistgħu ikunu prekusuri sinifikanti għall-inċidenti s-serji ~~u għandhom ikunu wkoll soġġetti għall-investigazzjonijiet tas-sigurtà, fejn ikun neċessarju~~.

[11] ~~Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/500/KE ta' l-20 ta' Mejju1998 fuq l-istabbiliment tal-Kumitati Settorjali ta' Djalogu li jippromwovu id-Djalogu bejn is-sieħba soċjali fuq il-livell Ewropew (ĠU L 225, tat-12.8.1998, p. 27).~~

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 24 (adattat)

(~~24~~21) L-investigazzjoni tas-sigurta għandha tinżamm separata mill-inkjesta ġudizzjarja fl-istess inċident u ~~tkun mogħtija~~ ⌦ għandu jingħata ⌫ aċċess għall-evidenza u għax-xhieda. Għandha tkun magħmula minn ~~entità~~ ⌦ korp ⌫ permanenti ~~li hija~~ indipendenti mill-atturi tas-settur tal-ferrovija. ~~L-entità~~ ⌦ Il-korp ⌫ ~~għandha tiffunzjona~~ ⌦ għandu jiffunzjona ⌫ b'tali mod li ~~tevita~~ ⌦ jevita ⌫ kwalunkwe kunflitt ta' interess u kwalunkwe involviment possibli fil-kawżi ta' ~~dawk l-affarijiet~~ ⌦ l-okkorrenzi ⌫ li jiġu investigati; partikolarment, l-indipendenza funzjonali ~~tagħha~~ ⌦ tiegħu ⌫ m'għandhiex tkun affetwata jekk hija magħquda mill-viċin ~~ma' l~~mal-awtorità nazzjonali tas-~~sigurtà~~ ⌦ sikurezza ⌫ jew ir-regolatur tal-ferroviji għar-raġunijiet organizzazzjonali jew ta' ~~l-i~~strutturi legali. L-investigazzjonijiet ~~tagħha~~ ⌦ tiegħu ⌫ għandhom ~~ikunu magħmula taħt il-kondizzjonijiet miftuħa~~ ⌦ jitwettqu fil-miftuħ ⌫ kemm jista' jkun. Għal kull ~~ħaġa li ġrat~~ ⌦ okkorrenza ⌫ ~~l-entità~~ ⌦ il-korp ⌫ ~~ta' l~~tal-investigazzjoni ~~għandha tistabbilixxi~~ ⌦ għandu jistabbilixxi ⌫ l-grupp reilevanti ~~ta' l~~tal-investigazzjoni bl-esperjenza neċessarja biex isib il-kawżi immedjati u l-kawżi ~~moħbija~~ ⌦ sottostanti ⌫ .

⇩ġdid

(22) Sabiex titjieb l-effiċjenza tal-attivitajiet ta' korp tal-investigazzjoni u sabiex jiġi megħjun fil-qadi ta' dmirijietu, il-korp tal-investigazzjoni għandu jkollu aċċess f'waqtu għas-sit ta' aċċident, fejn meħtieġ b'kooperazzjoni tajba mal-awtorità ġudizzjarja. Ir-rapporti dwar l-investigazzjonijiet u kwalunkwe sejba jew rakkomandazzjoni jipprovdu informazzjoni kruċjali għal aktar żvilupp fis-sikurezza ferrovjarja u għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku fuq il-livell tal-Unjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza għandhom jiġu attwati minn dawk li lilhom ikunu indirizzati u l-azzjonijiet għandhom ikunu rapportati lura lill-korp tal-investigazzjoni.

(23) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli fuq il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(24) Billi l-għanijiet tal-azzjonijiet proposti f'din id-Direttiva, jiġifieri l-koordinazzjoni tal-attivitajiet fl-Istati Membri biex tkun regolata u ssorveljata s-sikurezza, l-investigazzjoni tal-inċidenti, u biex ikunu stabbiliti miri komuni tas-sikurezza, metodi komuni tas-sikurezza, indikaturi komuni tas-sikurezza u rekwiżiti komuni għaċ-ċertifikati uniċi tas-sikurezza, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu jintlaħqu aħjar, l-Unjoni tista' tadotta l-miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx aktar lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex ikunu milħuqa dawn l-għanijiet.

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 25 (adattat)

~~Ir-rapporti fuq l-investigazzjonijiet u kwalunkwe sejbiet jew rakkomandazzjonijiet jipprovdu informazzjoni kruċjali għal aktar żvilupp fis-sigurtà tal-ferrovija u għandhom ikunu disponibbli b'mod pubbliku fuq il-livell tal-Komunità. Ir-rakkomandazzjonijiet tas-sikurezza~~

~~għandhom jiġu attwati minn dawk li lilhom ikunu indirizzati u l-azzjonijiet għandhom ikunu rapportati lura lill-entità li għamlet l-investigazzjoni.~~

---

⇩ġdid

(25) Sabiex jiġu supplimentati u emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, is-setgħa biex jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-metodi komuni tas-sikurezza u r-reviżjoni tagħhom, u r-reviżjoni tal-indikaturi komuni tas-sikurezza u l-miri komuni tas-sikurezza. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti ta' delega, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(26) Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu kkonferiti fuq il-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti għas-sistema tal-ġestjoni tas-sikurezza u l-elementi tagħha, ir-reviżjoni tas-sistema taċ-ċertifikazzjoni tal-entitajiet inkarigati mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u l-estensjoni għal materjal ferrovjarju ieħor, u l-kontenut prinċipali tar-rapport dwar l-investigazzjoni tal-inċidenti. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[12].

(27) L-obbligu tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jkun limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu li d-dispożizzjonijiet li ma nbidlux jiġu trasposti ġej mid-Direttiva preċedenti.

(28) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B,

---

🡻 Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 26 (adattat)

~~Peress illi l-għanijiet ta' l-azzjoni proposta, jiġifieri biex ikunu koordinati l-attivitajiet fl-Istati Membri biex tkun regolata u sorveljata s-sigurtà u biex ikunu investigati l-inċidenti u biex ikunu stabbiliti fil-livell tal-Komunità l-miri tas-sigurtà, il-metodi komuni tas-sigurtà, l-indikaturi komuni tas-sigurtà u l-ħtiġiet komuni taċ-ċertifikati tas-sigurtà, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk, minħabba l-kobor ta' l-azzjoni, jintlaħqu b'mod aħjar fil-livell tal-Komunità, il-Komunità tista' tadotta il-miżuri skond il-prinċipji tas-sussidjarjetà kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx aktar lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex ikunu milħuqa dawn l-għanijiet.~~

[12] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

MT  MT

↓ Rettifika, ĠU L 220, 21.6.2004, p. 16 premessa 27 (adattat)

